



OPINJONI NRU 04/2008

TAL-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

tal-5 ta' Settembru 2008

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru [ajrunavigabbiltà] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

"Rekwiżiti ġodda għat-taħriġ tal-persunal tal-manutenzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' interkonnnessjoni b'wajers tal-elettriku"

I. Ġenerali

1. Din l-opinjoni għandha l-għan li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹. L-ambitu ta' din l-attività ta' regolamentazzjoni huwa spjegat fit-Termini ta' Referenza (ToR) MDM.002 u deskritt f'aktar dettall hawn taħt.
2. L-opinjoni għet adottata, wara l-proċedura speċifikata mill-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (l-Aġenzija)², skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008³ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. L-Avviż tal-Emenda Proposta (NPA) 2007-01⁴ li fih abbozz ta' opinjoni għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 għe ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fl-10 ta' Marzu 2007.
4. Sad-data tal-għeluq tat-13 ta' Ġunju 2007, l-Aġenzija rċeviet 116-il kumment mill-awtoritajiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet professjonali u minn kumpaniji privati.
5. Il-kummenti kollha li waslu ġew ikkonfermati u inkorporati f'Dokument ta' Rispons għall-Kummenti (CRD) 2007-01, li kien ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fis-6 ta' Marzu 2008⁵. Dan is-CRD jinkludi lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li taw il-kummenti u t-tweġibiet lill-Aġenzija.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

6. Il-bidliet fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 huma parti minn pakkett aktar komprensiv ta' miżuri li nbeda mill-Aġenzija biex tindirizza r-riskji għas-sigurtà identifikati li jikkonċernaw is-sistemi ta' interkonnessjoni b'wajers tal-elettriku (EWIS) f'ajruplani kbar. L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għal ajruplani kbar (CS-25) ġew imtejba u estiżi biex isaħħu s-sigurtà tad-disinn u biex itejbu l-ajrunavigabbiltà kontinwata ta' dawn is-sistemi.
7. Il-bidliet fil-Parti M u l-Parti 66 proposti f'din l-opinjoni għandhom l-għan li jtejbu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji speċifiċi għas-sigurtà tal-EWIS waqt attivitajiet ta' manutenzjoni li jsiru mill-impjegati kollha involuti fl-ajrunavigabbiltà kontinwa, liema bidliet huma deskritti fid-dettall hawn taħt.
8. Il-bidla fil-Parti M għandha tiżgura li l-kompetenzi tal-persunal tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwata jkunu regolati b'mod adegwat. Għal dan il-għan, M.A.706 għet emendata biex tiżgura li l-kompetenzi tal-persunal involut fil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwata, fir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà kontinwata u fil-verifiki tal-kwalità jiġu vvalutati skont proċedura. Il-miżura għandha tistabbilixxi wkoll

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18).

² Deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv li tikkonċerna l-proċedura li għandha tkun applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni u Materjali ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE tal- (ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1)

⁴ Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.

⁵ Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.

konsistenza mar-rekwiżiti rilevanti l-oħrajn dwar il-persunal tal-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni msemmija fil-Parti 145. Dan ifisser li l-verifika tal-kompetenzi għandha tinkludi l-valutazzjoni tal-persunal ikkonċernat mal-elementi tal-EWIS.

9. Il-bidliet fil-Parti 66 għandhom iwessgħu r-rekwiżiti tal-għarfien bażiku tal-persunal li jiċċertifika l-manutenzjoni għal żewġ punti speċifiċi relatati mal-EWIS. Barra minn hekk, il-livelli meħtieġa ta' għarfien bażiku għall-modulu tal-EWIS għall-persunal li jiċċertifika B1 u B2, li jkollu privileġġi speċifiċi relatati mal-manutenzjoni ta' sistemi tal-elettriku, issa telgħu mil-livell 2 għal-livell 3. Għalhekk, qed tiġi proposta l-emenda għall-Parti 66 Appendiċi I (Rekwiżiti ta' Għarfien Bażiku), iżda ma kienx meħtieġ li l-Parti 66 Appendiċi II tkun emendata (Standard tal-Eżami Bażiku)
10. L-impjegati li jkollhom diġà liċenzja ta' manutenzjoni ta' ajruplani bit-taħriġ approvat u/jew li huma kkwalifikati diġà bħala persunal li jiċċertifika tal-Parti 145 (jew persunal ta' appoġġ) għandhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat fl-elementi tal-EWIS permezz ta' taħriġ kontinwu (145.A35). Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet fir-regolament jeżistu diġà u, għal dik ir-raġuni, ma hemm l-ebda ħtieġa għal aktar bidliet fil-Parti 145. Ma kien propost l-ebda limitu ta' żmien għal taħriġ speċifiku dwar l-EWIS għaliex il-persunal għandu jirċievi dan it-taħriġ kull perjodu ta' sentejn skont 145.A.35(d): dan il-limitu ta' żmien jitqies bħala raġonevoli u għandu jikkostitwixxi s-sistema ta' sigurtà finali peress li l-impjegati taċ-ċertifikazzjoni huma dawk li jwettqu l-ispezzjonijiet fuq l-EWIS jew li jwettqu l-manutenzjoni minħabba d-degradazzjoni ta' wajers.
11. L-Aġenzija forniet mezz ta' konformità aċċettabbli u komprensiv għat-taħriġ fl-EWIS li jingħata lill-persunal tekniku. AMC 20-21, AMC 20-22 u AMC 20-23⁶ jikkostitwixxu materjal ta' gwida teknika biex jiġi stabbilit sillabu ta' taħriġ u biex jissensibilizza l-persunal involut fil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwata u tal-manutenzjoni li tkun saret.

IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

12. Kif indikat fil-paragrafu 6 aktar 'il fuq, l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 huma parti minn pakkett ta' miżuri aktar komprensivi mibdi mill-Aġenzija biex tindirizza r-riskji għas-sigurtà identifikati li huma relatati ma' sistemi ta' interkonnnessjoni b'wajers tal-elettriku (EWIS) f'ajruplani kbar. Il-Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju għal dan il-pakkett s'fin-NPA 2007-01 wasslet biex l-Aġenzija tikkonkludi li l-bidliet previsti għar-regoli u għall-istandards kienu ġustifikati, meta jiġu stmati d-diversi impatti ta' dawn il-bidliet.
13. Minħabba li l-bidliet differenti kif indikat aktar 'il fuq huma marbutin ma' xulxin, huwa diffiċli li tissepara l-impatt speċifiku tas-sigurtà li jista' jiġi attribwit għall-komponenti individwali tal-pakkett tar-regolamentazzjoni. Għall-pakkett s'fin intwera li l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda għandha twassal biex għall-25 sena li ġejjin, fil-flotta tal-ajruplani tat-trasport tal-Istati Uniti, jiġu evitati 32.8 inċidenti jew inkonvenjenzi, inkluż 1.2 inċident fatali. Ikkalkulat fuq il-bażi tad-daqs tal-flotta Ewropea, dan jammonta biex jiġu evitati 22.4 inċidenti jew inkonvenjenzi b'ajruplani kbar, inkluż 0.8 inċidenti fatali.
14. Benefiċċji oħrajn huma l-iffrankar fl-ispejjeż billi jiġu evitati ħsarat fis-sistemi tal-wajers li jikkawżaw dewmien fit-titjiriet. Fuq il-bażi tad-dejta disponibbli għall-Istati Uniti, għall-flotta Ewropea dan l-iffrankar għandu jammonta għal madwar EUR 61 miljun f'perjodu ta' 25 sena.
15. L-ispejjeż għall-partijiet interessati li jintlaqtu jistgħu jinqasmu kif ġej.

⁶ Id-Deċiżjoni Nru 2003/12/RM tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-5 ta' Novembru 2003 dwar il-mezzi aċċettabbli ġenerali ta' konformità għall-kapaċità tal-prodotti, partijiet u apparat biex jintużaw fl-ajruplani (« AMC-20 »). Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2008/004/R tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni tal-25 ta' April 2008.

- L-ispejjeż għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati tal-Parti 147 li jridu jaġġornaw il-programmi ta' taħriġ u l-eżami taqgħom għat-taħriġ tal-Parti 66 biex jinkludu d-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Parti 66.
Emenda konsiderevoli għall-Appendiċi I tal-Parti 66 diġà hija prevista b'NPA 2007-07. Dan għandu jwassal għal opinjoni biex sa tmiem din is-sena jkun jista' jinbidel ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003. Il-bidliet sekondarji fil-programmi ta' taħriġ li huma meħtieġa biex jiġu inklużi l-elementi tal-EWIS jistgħu, għalhekk, jiġu kkombinati mal-adattament prinċipali li jirriżulta min-NPA msemmi aktar 'il fuq. Dan l-impatt, għalhekk, għandu importanza żgħira.
 - L-ispejjeż għall-organizzazzjonijiet tal-Parti 145 li jkollhom jaġġornaw it-taħriġ ta' kontinwazzjoni taqgħom għall-persunal tal-manutenzjoni.
Dawn l-organizzazzjonijiet huma meħtieġa jaġġornaw it-taħriġ ta' kontinwazzjoni taqgħom kull 24 xahar sabiex jinkludu l-iżviluppi teknoloġiċi. Iż-żieda tal-elementi tal-EWIS fl-aġġornament regolari tat-taħriġ ma għandhiex twassal għal impatt maġġuri.
 - L-ispejjeż għall-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwata li jkollhom jistabbilixxu proċedura u standard biex jiddeterminaw u jirregolaw il-kompetenza tal-persunal.
L-ispejjeż mhumiex negliġibbli iżda lanqas mhuma rikorrenti. Barra minn hekk, minħabba l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 18-il xahar, l-organizzazzjonijiet milquta jkun jistgħu jinkludu l-isforz biex jabbozzaw proċedura speċifika u jistabbilixxu standards fl-aġġornament regolari tal-proċeduri u l-istandards, kif meħtieġ, permezz tal-metodu tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità. Għalhekk, l-impatt ġenerali mhuwiex sinifikanti.
16. L-Aġenzija tikkonkludi li l-miżuri proposti se jkollhom effett pożittiv fir-rigward tas-sigurtà u impatt ekonomiku negattiv żgħir fuq l-organizzazzjonijiet milquta. Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet ta' aktar 'il fuq, l-Aġenzija tikkunsidra li l-miżuri proposti huma ġġustifikati.

Cologne, 5 ta' Settembru 2008

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv